**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 2 t' Ottubru, 2017**

**Talba Nru: 105/2017PM**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Tanti Giovanna Anna (31068(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-sitta (6) ta' Marzu, elfejn u sbatax (2017) illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u tlieta u disghin euro u sittax-il centezmi (€593.16) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40193676 bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 2106/15 u bl-imghaxijiet legali sa mill-4 ta' Novembru, 2015 data tal-prezentata tal-imsemmija ittra ufficjali kontra l-istess konvenuta ingunta in subizzjoni.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz a sostenn tat-talba inkluzi l-istatement (a fol. 2 tal-process), l-applikazzjoni ghas-servizz (a fol. 3 tal-process) u kopja tal-ittra

ufficjali datata 4 ta’ Novembru, elfejn u hmistax (2015) (a fol. 4 tal-process) liema ittra jidher li baqghet ma gietx notifikata lill-intimata.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deheret ghas-seduta tal-lum.

Sema’ x-xhieda tar-rapprezentanti tas-socjeta` attrici moghtija fis-seduta tal-lum stess.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi ghalkemm debitament notifikata l-intimata naqset milli tattendi ghas-seduta tal-lum u lanqas prezentat ebda risposta ghat-talba kif dedotta mis-socjeta’ attrici.

Illi mix-xhieda moghtija mir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici jirrizulta li madanakollu l-intimata ma hallsitx l-ammont mitlub minnha skont l-istess kuntratt ta’ servizz u liema ammont jirrizulta pruvat ukoll permezz tal-istatement relattiv (a fol. 2 tal-process) u kwindi huwa dovut mill-intimata.

Illi fir-rigward tal-ittra ufficjali li kopja taghha giet ezebita a fol. 4 tal-process ma jirrizultax li din giet qatt notifikata lill-intimata. Ghaldaqstant it-Tribunal isib illi, ghalkemm is-socjeta` attrici ghandha d-dritt illi titlob ir-rizarciment tad-drittijiet u spejjez inkorsi minnha ghall-hrug ta’ tali ittra ufficjali, l-imghaxijiet fuq is-somma surreferita ghandhom jibdew jiddekorru mid-data ta’ notifika tal-avviz odjern, dan ukoll in linea ma’ dak deciz mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet ‘**Fogg Insurance Agencies Limited noe. et. v. Paul Tabone**’ fis-17 ta’ Frar, 2003 u cioe` li l-imghaxijiet jiddekorru min-notifika ta` l-avviz u mhux mid-data tal-introduzzjoni tieghu..

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa’ it-talba tas-socjeta` attrici u dana billi jikkundanna lill-intimata sabiex thallas s-somma mitluba ta’ hames mija u tlieta u disghin euro u

sittax-il centezmu (€593.16) bl-ispejjez u bid-drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 4 ta' Novembru, 2017 u bl-imghaxijiet legali jiddekorru mid-data tan-notifika tal-avviz odjern lill-intimata kontra l-istess intimata.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**